



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

2012/0191(COD)

20.3.2013

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 510/2011 bl-għan li jiġu ddefiniti l-modalitajiet biex tintlaħaq il-mira għall-2020 li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' CO₂ minn vetturi kummerċjali ħfief ġodda (COM(2012)0394 – C7-0185/2012 – 2012/0191(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Markus Pieper

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Fl-2011 il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw leġislazzjoni (ir-Regolament (UE) Nru 510/2011) li tistabbilixxi objettiv ta' emissjonijiet ta' 147 g CO₂/km mill-2020 għal vetturi kummerċjali ħfief ġodda (kategorija N1) li jiġu reġistrati fl-Unjoni għall-ewwel darba u li ma jkunux ġew irreġistrati qabel barra mill-Unjoni għajr għal perjodu limitat.

Ir-Regolament jipprovdi wkoll:

Perjodu ta' introduzzjoni gradwali b'objettiv speċifiku tal-emissjonijiet ta' 175 g CO₂/km bejn l-2014 u l-2017; fl-2014, 70 % ta' flotta ta' manifattur se jkollha tikkonforma magħha, din tiżdied għal 75 % fl-2015, 80 % fl-2016 u 100 % mill-2017 'il quddiem;

Superkrediti għal kull vettura kummerċjali ħafifa ġdida b'emissjonijiet tas-CO₂ ta' anqas minn 50 g CO₂/km;

Penalitajiet ("Primjum għall-Eċċess ta' Emissjonijiet") għall-manifatturi li jonqsu li jilhq u l-objettivi tas-CO₂;

Derogi għall-manifatturi żgħar bi produzzjoni ta' anqas minn 22 000 vettura kummerċjali ħafifa ġdida reġistrata fl-Unjoni kull sena;

Kontribut għall-ekoinnovazzjonijiet għall-manifatturi li japplikaw teknoloġiji innovattivi biex jitnaqqsu l-objettivi tas-CO₂.

L-emissjonijiet speċifiċi indikattivi tas-CO₂ għal kull vettura kummerċjali ħafifa ġdida jitkejlu abbażi tal-massa tal-vettura, imkejla fi grammi kull kilometru.

L-objettivi obbligatorji għall-2020 inklużi fil-leġislazzjoni eżistenti jeħtieġ li jiġu implimentati. Abbażi tal-analiżi teknika għall-istima tal-impatt, it-teknoloġiji biex jintlaħaq l-objettiv ta' 147 g CO₂/km jistgħu jitwettqu sal-2020.

Il-proposta leġislattiva attwali tal-Kummissjoni, li temenda r-Regolament (UE) Nru 510/2011, tistabbilixxi l-modalitajiet li bihom jistgħu jintlaħqu l-objettivi. Fil-qosor l-azzjonijiet proposti huma kif ġej:

- il-fattibilità tal-objettiv tal-20 % għall-2020 għall-vannijiet hija konfermata;
- l-objettiv ikompli jiġi ffissat abbażi tal-massa tal-vettura u l-kurva tal-valuri ta' limitu relattiva tagħha;
- l-ekoinnovazzjonijiet u l-primjums fuq l-emissjonijiet żejda se jibqgħu jiġu applikati;
- il-manifatturi ż-żgħar, li jipproduċu anqas minn 500 vann fis-sena, ikunu eżentati milli jilhq u l-objettiv;

- ir-regolament jiġi rivedut sal-aħħar tal-2014 sabiex jiġu ffissati objettivi mnaqqsa ġodda tas-CO₂ għall-perjodu lil hinn mill-2020.

Ir-Rapporteur jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li kkonfermat il-fattibilità tal-obiettivi tal-2020 u jissuġġerixxi li ma jitressqux emendi għall-obiettivi ta' 147 g CO₂/km, li għadu punt ta' riferiment ambizzjuż fi żmien ta' ristrutturazzjoni fis-settur.

Għaldaqsdant ir-Rapporteur jixtieq jirrispetta l-kompromess li ntlaħaq anqas minn sentejn ilu u jixtieq ifakkar li, meta mqabbel mal-medja tal-2007 ta' 203 g CO₂/km, l-obiettivi ta' 147 g CO₂/km jirrappreżenta tnaqqis ta' 28 % u investimenti akbar mill-manifatturi f'teknoloġiji ġodda.

Madankollu, dawn l-investimenti se jkollhom impatt fuq il-prezz tal-vetturi (żieda fil-prezz sa 10 %) u impatt fuq l-imprezzi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), li għalihom il-vetturi kummerċjali ħief huma għodda importanti fix-xogħol tagħhom. Fil-kuntest ekonomiku attwali, l-SMEs se jqisu bir-reqqa jekk jagħmilx sens għalihom li jbiddu l-vettura qadima tagħhom u jinvestu f'waħda ġdida.

Ir-Rapporteur jemmen li huwa siewi li tingħata ħarsa ġenerali lejn il-perjodu lil hinn mill-2020 iżda jqis li l-iffissar ta' dawn l-obiettivi fil-qafas tar-reviżjoni tar-regolament fl-2014 għandu jiġi pospost tal-anqas sa mhux aktar kmieni mill-2018. Dan għaliex il-proċedura ta' ttestjar il-ġdida għadha ma ġietx definita u x'aktarx mhix se tiġi definita qabel ma jkunu disponibbli ċ-ċiklu ta' ttestjar il-ġdid WLTP u l-proċeduri ta' ttestjar relevanti. Madankollu, għandu jkun hemm żmien suffiċjenti sabiex jiġi żgurat li tiġi pjanata s-sigurtà għall-industrija.

Fir-rigward tas-superkrediti, ir-Rapporteur ma jaqbilx mal-proposta tal-Kummissjoni li ma testendix id-dispożizzjonijiet relattivi għal wara l-2017. Minkejja dan, ir-Rapporteur iqishom bħala inċentiv importanti, b'mod partikulari għall-ingeniera, biex jiżviluppaw u japplikaw teknoloġiji ġodda u effiċjenti, li m'għandhomx ikunu limitati għall-vetturi bl-elettriku. L-istess għandu japplika għall-kunċett tas-sistemi ta' ekoinnovazzjoni, li għandhom jinżammu fil-proposta filwaqt li t-teknoloġiji effiċjenti innovattivi għandhom jiġu appoġġjati b'mod aktar effettiv.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1 **Proposta għal regolament**

Premessa 1a (ġdida)

(1a) Jekk il-miri jinbidlu ta' spiss, tinħoloq inċertezza fl-industrija tal-karozzi u tiġi affettwata l-kompetittività globali tagħha.

Emenda 2
Proposta għal regolament

Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) Huwa xieraq li jiġi ċċarat li għall-fini tal-verifika tal-konformità mal-mira ta' 147gCO₂/km, l-emissjonijiet ta' CO₂ għandhom ikomplu jitkejlu skont ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi u l-miżuri implimentattivi tiegħu u t-teknoloġiji innovattivi.

Emenda

(2) Huwa xieraq li jiġi ċċarat li għall-fini tal-verifika tal-konformità mal-mira ta' 147gCO₂/km, l-emissjonijiet ta' CO₂ għandhom ikomplu jitkejlu skont ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi u l-miżuri implimentattivi tiegħu u t-teknoloġiji innovattivi. ***Madankollu, studji mwettqa mill-Kummissjoni wrew li l-proċeduri ta' ttestjar użati biex jitkejlu l-emissjonijiet tas-CO₂ skont dak ir-Regolament ma evitawx żieda fl-użu tal-flessibiltajiet mill-manifatturi li rriżultaw fl-allegat tnaqqis fl-emissjonijiet tas-CO₂ li mhux attribwit għat-titjib teknoloġiku u ma jistax jinkiseb fis-sewqan reali fit-triq. Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 għandu jiġi rieżaminat b'urġenza sabiex jiġi żgurat li l-proċeduri ta' ttestjar jirriflettu adegwament l-imġiba reali tal-karozzi fir-rigward tal-emissjonijiet tas-CO₂.***

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

Skont l-analiżi teknika mwettqa għall-valutazzjoni tal-impatt, it-teknoloġiji biex tintlaħaq il-mira ta' 147 g CO₂/km huma disponibbli u t-tnaqqis meħtieġ jista' jinkiseb **bi spiża iżgħar milli kienet stmata fl-analiżi preċedenti mwettqa qabel l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru 510/2011. Minbarra dan, naqas ukoll id-distakk bejn l-emissjonijiet speċifiċi medji attwali ta' CO₂ minn vetturi kummerċjali ħfief ġodda u l-mira.** Għalhekk, il-fattibbiltà tal-mira ta' 147 g CO₂/km li għandha tintlaħaq sal-2020 hija kkonfermata.

Emenda

Skont l-analiżi teknika mwettqa għall-valutazzjoni tal-impatt, it-teknoloġiji biex tintlaħaq il-mira ta' 147 g CO₂/km huma disponibbli u t-tnaqqis meħtieġ jista' jinkiseb. Għalhekk, il-fattibbiltà tal-mira ta' 147 g CO₂/km li għandha tintlaħaq sal-2020 hija kkonfermata. **Fid-dawl tal-kriżi ekonomika u tar-ristrutturazzjoni tas-settur tal-manifattura tal-karozzi, huwa importanti, madankollu, li l-objettiv ikun jista' jintlaħaq mingħajr ma jintefa' piż addizzjonali fuq il-kompetittività internazzjonali tal-industrija.**

Ġustifikazzjoni

L-ilħuq tal-objettiv ta' 147 g/km għadu mira ambizzjuża.

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

Sabiex l-industrija tal-karozzi tkun tista' twettaq investimenti u innovazzjoni fit-tul ikun tajjeb li jiġu pprovduti indikazzjonijiet ta' kif dan ir-Regolament għandu jiġi emendat għall-perjodu ta' wara l-2020. Dawn l-indikazzjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq valutazzjoni tar-rata meħtieġa ta' tnaqqis skont il-miri tal-Unjoni fit-tul għall-klima u l-implikazzjonijiet għall-iżvilupp ta' teknoloġija kosteffikaċi li tnaqqas is-CO₂ għall-karozzi. Għalhekk ikun tajjeb li jiġu riveduti dawn l-aspetti, li l-Kummissjoni **tagħmel rapport u, jekk xieraq, li jsiru proposti** għall-miri ta' wara

Emenda

Sabiex l-industrija tal-karozzi tkun tista' twettaq investimenti u innovazzjoni fit-tul ikun tajjeb li jiġu pprovduti indikazzjonijiet ta' kif dan ir-Regolament għandu jiġi emendat għall-perjodu ta' wara l-2020. Dawn l-indikazzjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq valutazzjoni tar-rata meħtieġa ta' tnaqqis skont il-miri tal-Unjoni fit-tul għall-klima u l-implikazzjonijiet għall-iżvilupp ta' teknoloġija kosteffikaċi li tnaqqas is-CO₂ għall-karozzi. Għalhekk ikun tajjeb li jiġu riveduti dawn l-aspetti **u** li l-Kummissjoni **toħroġ bi proposta** għall-miri ta' wara l-2020 **qabel ma dan ir-**

l-2020.

Regolament ma jibqax jgħodd. Sabiex tiġi ggarantita s-sigurtà tal-ippjanar, tali proposta m'għandhiex isseħħ qabel l-2018, billi l-implimentazzjoni ta' tali miri għandha tkun ibbażata fuq ċiklu ġdid ta' ttestjar u l-proċeduri ta' ttestjar relevanti, li għandhom jiġu applikati għall-fini tal-kejl tal-emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂ u għall-monitoraġġ tal-mira wara l-2020 biss.

Ġustifikazzjoni

Objettiv għal wara l-2020 għandu jiġi determinat biss wara li ssir evalwazzjoni tal-avvanzi konkreti miksuba b'dan ir-Regolament.

Emenda 5

Proposta għal regolament

Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

(10) Ir-Regolament jesiġi li l-Kummissjoni twettaq valutazzjoni tal-impatt sabiex tirrevedi l-proċeduri ta' ttestjar biex tirrifletti b'mod adegwat ir-rendiment reali tal-emissjonijiet ta' CO₂ tal-karozzi. Din il-ħidma qed tipproċedi permezz tal-iżvilupp ta' proċedura ta' test dinji għall-vetturi ħfief (World Light Duty Test) fil-qafas tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti iżda din għadha mhijiex kompluta. Fid-dawl ta' dan, ***l-Anness I*** tar-Regolament (KE) Nru 443/2009 jistabbilixxi limiti tal-emissjonijiet għall-2020 kif imkejla skont ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 u l-Anness XII tar-Regolament (KE) Nru 692/2008. ***Meta jiġu emendati l-proċeduri ta' testjar***, il-limiti stabbiliti fl-Anness I għandhom jiġu aġġustati biex jiżguraw restrizzjonijiet komparabbli għall-manifatturi u l-klassijiet tal-vetturi.

Emenda

(10) Ir-Regolament jesiġi li l-Kummissjoni twettaq valutazzjoni tal-impatt sabiex tirrevedi l-proċeduri ta' ttestjar biex tirrifletti b'mod adegwat ir-rendiment reali tal-emissjonijiet ta' CO₂ tal-karozzi. Din il-ħidma qed tipproċedi permezz tal-iżvilupp ta' proċedura ta' test dinji għall-vetturi ħfief (World Light Duty Test) fil-qafas tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti iżda din għadha mhijiex kompluta. Fid-dawl ta' dan, ***u billi ċ-ċiklu ta' ttestjar eżistenti ma jirriflettix biżżejjed l-emissjonijiet attwali tal-karozzi u l-vannijiet fit-triq, l-iżvilupp rapidu ta' ċiklu ta' ttestjar imtejjeb huwa kruċjali. Meta l-proċeduri ta' ttestjar attwali, stabbiliti fl-Anness I*** tar-Regolament (KE) Nru 443/2009, ***li*** jistabbilixxi limiti tal-emissjonijiet għall-2020 kif imkejla skont ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 u l-Anness XII tar-Regolament (KE) Nru 692/2008, ***jiġu emendati***, il-limiti stabbiliti fl-Anness I għandhom jiġu aġġustati biex jiżguraw restrizzjonijiet

komparabbli għall-manifatturi u l-klassijiet tal-vetturi.

Emenda 6
Proposta għal regolament

Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10a) Huwa xieraq li jiġi vvalutat il-bżonn li nitbiegħdu mill-miri għall-emissjonijiet tas-CO₂ u nbiddluhom f'miri ta' effiċjenza tal-fjuwil, peress li l-miri għall-emissjonijiet tas-CO₂ ma jikkunsidrawx l-emissjonijiet dannużi mill-magni moderni ta' kombustjoni interna. Il-Kummissjoni hija għaldaqstant mitluba tissottometti rapport dwar din il-kwistjoni.

Emenda 7
Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 2a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 510/2011
Artikolu 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2a) L-Artikolu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

Meta jiġu kkalkulati l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' CO₂, kull vettura kummerċjali ħafifa ġdida b'livell ta' emissjonijiet speċifiċi ta' CO₂ inqas minn 50 g CO₂/km għandha titqies b'halha:

- 3,5 vetturi kummerċjali ħfief fl-2014,
- 3,5 vetturi kummerċjali ħfief fl-2015,
- 2,5 vetturi kummerċjali ħfief fl-2016,
- 1,5 vetturi kummerċjali ħfief fl-2017,
- 1 vettura kummerċjali ħafifa mill-2018.

Għat-tul kollu tal-iskema tas-superkrediti, l-għadd massimu ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda b'emissjonijiet speċifiċi ta'

CO₂ ta' anqas minn 50 g CO₂/km li għandu jitqies fl-applikazzjoni tal-multiplikaturi msemmija fl-ewwel paragrafu m'għandux jaqbeż il-1 % għal kull manifattur.

Emenda 8
Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 3a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 510/2011
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3a) Fl-Artikolu 12(1), titħassar l-aħħar sentenza.

Ġustifikazzjoni

Ma jistgħux jitpoġġew limiti fuq it-teknoloġiji innovattivi.

Emenda 9
Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 3b (ġdid)
Regolament (UE) Nru 510/2011
Artikolu 12 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3b) Fl-Artikolu 12 għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

'4a. Il-Kummissjoni, sal-31 ta' Diċembru 2013, għandha tippreżenta dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni riveduti għall-proċedura ta' liċenzjar għall-ekoinnovazzjonijiet ta' liċenzjar għall-ekoinnovazzjonijiet biex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni tal-użu ta' teknoloġiji innovattivi u toħroġ sussegwentement manwal dwar l-applikazzjoni korretta.'

Ġustifikazzjoni

Ir-Regolament (UE) Nru 510/2011 jiddikjara li, biex jintlaħaq l-oġġettiv tal-Komunità, tnaqqis ta' CO₂ permezz tal-użu ta' teknoloġiji innovattivi se jiġi kkunsidrat. Madankollu, sal-lum ġiet ippreżentata applikazzjoni waħda biss ta' dan it-tip. Din is-sitwazzjoni tista' titjieb billi jiġu riveduti l-proċeduri ta' approvazzjoni sabiex jiġu ffaċilitati l-applikazzjonijiet u bil-pubblikazzjoni ta' manwal.

Emenda 10

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 4 – punt a

Regolament (UE) Nru 510/2011

Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

*“Sal-31 ta' Diċembru 2014, il-Kummissjoni għandha **tirrevedi l-miri speċifiċi għall-emissjonijiet, il-modalitajiet u aspetti oħra ta' dan ir-Regolament sabiex tistabbilixxi il-miri għall-emissjonijiet ta' CO₂ għal vetturi kummerċjali ħfief ġodda għall-perjodu ta' wara l-2020.**”*

Emenda

*“Sal-31 ta' Jannar 2016, il-Kummissjoni għandha **tissottometti proposta rigward mira għall-emissjonijiet ta' CO₂ għal vetturi kummerċjali ħfief ġodda għall-2025. Il-mira l-ġdida għandha tkun konsistenti mal-miri fit-tal-UE ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' GHG għall-2050, b'mod partikolari fis-settur tat-trasport, u għandha tqis ukoll l-impatt fuq il-kompetittività tal-industrija awtomobilistika. Il-proposta għandha tkun ibbażata fuq iċ-ċiklu ta' ttestjar dinji l-ġdid (WLDTP) li għandu jieħu post il-proċeduri ta' ttestjar stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 715/2007. Jekk sal-31 ta' Lulju 2015, ma jintlaħaq ebda ftehim dwar dan l-istandard f'livell internazzjonali, il-proposta għandha tkun ibbażata fuq iċ-Ċiklu ta' Sewqan Ewropew il-Ġdid (NEDC). Il-proposta ta' valur ta' limitu ġdid ta' CO₂ għandha tinkludi wkoll:***

- valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja tal-emissjonijiet ta' CO₂ minn vetturi ħfief ġodda. Ir-riżultati għandhom jitqiesu fil-valutazzjoni tal-valuri ta' limitu;

- dejta tal-Emissjonijiet tas-Sewqan fid-Dinja Reali (RDE).”

Emenda 11
Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 4 – punt aa (ġdid)
Regolament (UE) Nru 510/2011
Artikolu 13 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) Jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"4a. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-possibbiltà li tissostitwixxi l-approċċ tal-ħruġ ta' duħħan, li bih jingħaddu biss l-emissjonijiet assoċjati mal-produzzjoni u l-użu tal-fjuwil, b'approċċ li jħares lejn iċ-ċiklu tal-ħajja, li jinkorpora l-emissjonijiet mill-istadji kollha tal-ħajja tal-vettura, mill-produzzjoni tal-materjal sar-rimi jew ir-riċiklaġġ fl-aħħar tal-ħajja."

Emenda 12

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – punt 4 – punt a – inċiż 2
Regolament (UE) Nru 510/2011
Artikolu 13 – paragrafu 6 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

"Sabiex tiġi riflessa kwalunkwe bidla fil-proċedura regolatorja ta' testjar għall-kejl ta' emissjonijiet speċifiċi ta' CO₂, il-Kummissjoni għandha tadatta l-formoli stabbiliti fl-Anness I permezz ta' atti ddelegati skont l-Artikolu 15, u soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 16 u 17 filwaqt li jiġi żgurati li r-rekwiżiti għat-tnaqqis ta' restrizzjoni komparabbli għall-manifatturi u vetturi ta' utilità differenti jkunu meħtieġa taħt il-proċeduri ta' testjar il-qodma u l-ġodda."

"Il-proċedura ta' ttestjar regolatorja u ċ-ċiklu ta' ttestjar għandhom jibqgħu bħala l-bażi għall-mira kif stipulat fl-Anness I, paragrafu 1(c) tar-Regolament (UE) Nru 510/2011 u fir-Regolament (UE) Nru 715/2007, u fl-Annessi III u XII tar-Regolament (KE) Nru 692/2008. Il-proċedura ġdida ta' ttestjar u ċ-ċiklu ġdid ta' ttestjar għandhom ikunu definiti u implimentati kompletament sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2018. Sa dakinhar għandha tkun disponibbli biżżejjed dejta ta' monitoraġġ. Imbagħad il-Kummissjoni għandha tqis il-possibbiltà ta' miri ġodda għall-perjodu lil hinn mill-2020."

Ġustifikazzjoni

Sabiex tiġi ggarantita s-sigurtà tal-ippjanar għall-industrija, il-proċedura regolatorja ta' ttestjar għandha tibqa' fis-seħħ sakemm il-ġdida tkun żviluppata u implimentata kompletament u sakemm ikun hemm biżżejjed dejta disponibbli. F'dan l-istadju biss għandha tapplika proċedura ġdida ta' ttestjar.

Emenda 13

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 5

Regolament (UE) Nru 510/2011

Anness I – punt 1 (c) (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

'(c) mill-2020:

Emissjonijiet speċifiċi indikattivi ta' CO₂ =
147 + a × (M – M₀)

Fejn:

M = il-massa tal-vettura f'kilogrammi (kg)

M₀ = il-valur adottat skont **l-Artikolu 13(2)**

a = 0,096.'

Emenda

"(c) mill-2020:

Emissjonijiet speċifiċi indikattivi ta' CO₂ =
147 + a × (M – M₀)

Fejn:

M = il-massa tal-vettura f'kilogrammi (kg)

M₀ = il-valur adottat skont **l-Artikolu 13(5)**

a = 0,096."

Ġustifikazzjoni

Żball tal-ittajpar mill-Kummissjoni.

PROĊEDURA

Titolu	Il-modalitajiet biex tintlaħaq il-mira għall-2020 li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' CO ₂ minn vetturi kummerċjali ħfief ġodda	
Referenzi	COM(2012)0394 – C7-0185/2012 – 2012/0191(COD)	
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 11.9.2012	
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 11.9.2012	
Kumitat(i) assoċjat(i) Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	17.1.2013	
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Markus Pieper 25.10.2012	
Eżami fil-kumitat	23.1.2013	20.2.2013

Data tal-adozzjoni	19.3.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 36 -: 12 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Zigmantas Balčytis, Ivo Belet, Bendt Bendtsen, Jan Březina, Reinhard Bütikofer, Maria Da Graça Carvalho, Giles Chichester, Jürgen Creutzmann, Pilar del Castillo Vera, Christian Ehler, Adam Gierek, Robert Goebbels, Fiona Hall, Jacky Hénin, Kent Johansson, Romana Jordan, Krišjānis Kariņš, Lena Kolarska-Bobińska, Bogdan Kazimierz Marcinkiewicz, Judith A. Merkies, Angelika Niebler, Jaroslav Paška, Aldo Patriciello, Vittorio Prodi, Miloslav Ransdorf, Teresa Riera Madurell, Michèle Rivasi, Salvador Sedó i Alabart, Francisco Sosa Wagner, Konrad Szymański, Britta Thomsen, Ioannis A. Tsoukalas, Marita Ulvskog, Vladimir Urutchev, Adina-Ioana Vălean, Kathleen Van Brempt
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	António Fernando Correia de Campos, Ioan Enciu, Françoise Grossetête, Jolanta Emilia Hibner, Yannick Jadot, Seán Kelly, Eija-Riitta Korhola, Holger Kraemer, Werner Langen, Vladko Todorov Panayotov, Markus Pieper, Vladimír Remek
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Oldřich Vlasák